MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1576/1999/1

**Reverendu Joe Borg**
**vs**
**Felix Agius**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** fejn gie premess illi fit-8 ta' Novembru, 1998 il-konvenut kien editur tal-gurnal "Kull Hadd";

Premess illi l-konvenut Felix Agius bhala editur tal-gurnal "Kull Hadd" fil-harga tat-8 ta' Novembru, 1998 f'pagna 33 ippubblika artikolu intestat "Favur id-Delegat ta' l-Arcisqof" u "Il-GENS …. Il-Gens : Suppost bilancjat, imma favur il-P.N." (Dok A);

Premess illi bl-imsemmi artikolu tat-8 ta’ Novembru, 1998 il-konvenut attribwixxa fatti determinati foloz fil-konfront ta’ l-attur bl-iskop li joffendi l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku;

Premess illi l-attur hass ruhu ngurjat u offiz u ghalhekk ghandu d-dritt ghad-danni kontemplati fl-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

tiddikjara lill-konvenut responsabbli ta’ malafama u libell fil-konfront ta’ l-attur minhabba li l-artikolu fuq imsemmi huwa libelluz u malafamati fil-konfront tal-attur u li jesponih ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;

tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li dina l-Qorti tillikwida f’ammont li ma jeccedix il-hamest elef lira (Lm5,000) u dana bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li l-attur sofra bil-publikazzjoni fuq imsemmija u dan a tenur tal-artikolu 28 tal-Ligi ta’ l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet** tal-konvenut a fol. 14 tal-process  fejn eccepixxa:

Illi l-artikolu inkwistjoni mhuwiex libelluz fil-konfront ta’ l-attur;

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit in kwantu l-artikolu in kwistjoni jikkonsisti f’espressjoni ta’ opinjoni li huwa *fair comment* maghmul in *buona fede* u in kwantu l-artikolu jikkonsisti f’allegazzjoni ta’ fatt, liema fatt huwa sostanzjalment veru; illi konsegwentament it-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

B’rizerva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

## KONSIDERAZZJONIJIET

L-attur ghamel dina l-kawza kontra l-konvenut li bhala editur tal-gurnal Kull Hadd tat-8 ta' Novembru, 1998 f'pagna 33 ippubblika artikolu intestat "FAVUR ID-DELEGAT TA' L-ARCISQOF" IL-GENS Il-Gens Suppost bilancjat, imma favur il-PN". L-attur hassu ngurjat b'dan l-artikolu billi fih il-konvenut attribwixxa fatti determinanti fil-konfront tieghu meta nkiteb li l-attur kien ighid li "z-zmien il-Labour kien qisu bhal zmien Bejrut meta konna naraw fuq it-TV xeni ta' terrur, qtil, insara jaharbu fuq il-muntanji biex ma jigux massakrati mill-musulmani, djar imfarrka kull fejn thares, tfal zghar u ommijiet stuprati minn suldati, imhollija maqtula fit-toroq imdemma ta' Bejrut…. Li tghid li Malta taht il-Partit tal-Haddiema saret Bejrut tfisser trid tpingi bl-aghar kuluri l-hidma tal-Partit Laburista. Nesa s-sittinijiet u l-hmieg li twettaq".

L-attur spjega li hassu ukoll malafamat bl-artikolu billi l-allegat diskors gie attribwit lilu bhala delegat ta' l-Arcisqof bl-implikazzjoni li kien qisu qed jghidu f'isem l-Isqof.

L-attur cahad li kien qal li fi zmien immexxi mill-Partit Laburista Malta kienet saret qisha Bejrut. Hu esebixxa zewg kopji tal-gazzetta L-Orizzont biex juri li fil-1984 hu kien cahad li qal dak id-diskors. F'dak iz-zmien il-konvenut kien editur tal-gazzetta L-Orizzont u ghalhekk suppost kien jaf, meta inkiteb l-artikolu inkriminat fil-gazzetta Kull Hadd li taghha kien ukoll editur, li l-attur kien diga cahad li qal dak id-diskors.

Fl-artikolu  tas-26 ta’ Ottubru, 1984 l-attur kien kiteb lill gazzetta msemmija u b’riferenza ghall rapport li kien deher fil harga tal-gurnata ta’ qabel,  qal li “jekk ir-rapport tal-gazzetta (L-Orizzont) huwa rapport fidil u ezatt ta’ dak li inti ghidt li kitbet id-Daily Express, allura jiddispjacini nghid li fejn ghandi x’naqsam jien, gejt irrappurtat b’mod sensazzjonali u barra mill-kuntest u allura mhux korrett”.

Fil-kopja tal-gazzetta tat-3 ta’ Novembru, 1984 fl-artikolu li inkiteb minn Remig Sacco, dana jikkummenta fuq l-artikolu li deher fuq id-Daily Express “*Looks like a Joke*” u jghid li Father Borg kellu ragun joqmos u jikteb lura lill Editur ta’ l-Orizzont li gie rapportat b’mod sensazzjonali u barra mill-kuntest u allura mhux korrett.

Il-konvenut qed jeccepixxi li l-artikolu nkriminat mhux libelluz u li subordinatament inkwantu l-artikolu jikkonsisti f’espressjoni ta’ opinjoni dan huwa *fair comment* maghmul *in buona fede*, u in kwantu l-artikolu jikkonsisti f’allegazzjoni ta’ fatt, dan il-fatt huwa sostanzjalment veru.

L-attur qed isostni invece li l-allegat fatt mhux veru u l-artikolu hu bazat fuq fatt skorett. Hu qed isostni li hu qatt ma qal li fi zmien immexxi mill-Partit Laburista Malta kienet saret qisha Bejrut.

Skond il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati f’kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu nvoluti persuni pubblici l-limiti tal-kummenti huma wiesghin pero’ hemm dejjem limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragionevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista’ jkun accettat fis-socjeta’ in partikolari. Hemm ukoll id-dritt li kull persuna, pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjonijiet, minghajr fondament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika, ... …, ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta’ fatti li qajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici”.  Illi konsistenti ma’ dan il-principju isegwi li “kemm-il darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat lill-attur huma fatti ngurjuzi ”.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-fatt l-attur kien gie rappurtat f'gurnal Ingliz li qal "*in these small tightly knit islands it will make Beirut look like a joke*". Fid-dokument ezibit mill-attur (ara kopja ta' l-Orizzont tat-3 ta' Novembru, 1984) wara li gie kwotat x'qal Dr. E. Fenech Adami fid-Daily Express : "*I fear violent eruption - soon*". "*And should that happen*", imbaghad gie rappurtat dak li qal l-attur "*in these small tightly knit islands it will make Beirut look like a joke*". Diskors bhal dan deher f'artikolu fid-Daily Express imma l-attur qed jissottometti li hu kien gie kwotat barra mill kuntest.

Dwar dana, cjoe li l-attur gie kwotat barra mill-kuntest, il-Qorti ghandha biss il-kelma ta' l-attur. Fil-1984 il-konvenut kien irrisponda lill attur (ara gazzetta msemmija) li hu kien irrapporta fedelment dak li nkiteb fl-artikolu. Dan ma jfissirx li ma jistax ikun veru li l-attur gie kwotat skorrettement izda ma jidhirx li hu kien irribatta l-gazzetta Ingliza dwar dak li nghad li hu qal. F'din il-kawza ma ngabx l-artikolu li kien inkiteb fid-Daily Express. Lanqas ma jirrizulta li l-attur kien ha xi passi kontra l-gazzetta Ingliza biex jinsisti li tidher it-twegiba tieghu u lanqas ma jidher li hu kien ghamel xi libell kontra l-gazzetta Ingliza.

Ghalhekk l-attur ma jistax jghid li hu ma kienx gie rrappurtat li qal li Malta kienet ser issir aghar minn Beirut. L-attur mhux qed jichad li gie rrappurtat li qal hekk izda qed jghid li kien gie kwotat barra mill-kuntest. Imma dana hu kellu jarah mal-korrispondent Ingliz u mhux ma min, skond hu, irriproduca fedelment dak li nkiteb fl-artikolu.

"*Punishing a journalist for assisting in the dissemination of statements made by another person would seriously hamper the contribution of the press to discussion of matters of public interest and should not be envisaged unless there were particularly strong reasons for doing so.*

*A general requirement for journalists to distance themselves systematically from the content of a quotation that might insult or provoke a third party or damage his reputation was not reconcilable with the press's role of*

*providing information on current events, opinions and ideas*" (ara sentenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz Thoma vs Luxembourg tad-29 ta' Marzu, 2001).

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li dak li ntqal fl-artikolu inkriminat kien bazat fuq fatt li deher f'gazzetta ohra u l-attur ma kienx irribatta. Ghalhekk l-artikolist tal-gazzetta Kull Hadd kellu dritt jikkummenta bil-mod li ghamel fuq xi tfisser li Malta tkun bhal Bejrut. Dan kien kaz li ggenera nteress fil-pubbliku u fejn kienet nvoluta persuna pubblika u ghalhekk il-limiti tal-kummenti kienu wiesghin.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talba ta' l-attur
bl-ispejjez kontra tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------